FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

BHALA QORTI TA’ GUDIKATURA KRIMINALI

A.MICALLEF TRIGONA LL.D., MAG.JUR (EU LAW)

ILLUM 19 TA’ OTTUBRU 2016

Il-Pulizija

Spettur Kylie Borg

vs

Alexander George Caruana Soler

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni kontra l-imputat ta’ karta tal-identita’ 166457M akkuzat talli fil-11 ta’ Frar 2013 u fil-granet ta’ qabel , fil-Floriana u fl-inhawi differenti f’dawn il-Gzejjer:

1. saq vettura tal-ghamla Opel Astra bin-numru tar-registrazzjoni KBG 708, minghajr ma kienet licenzjata mill-awtorita’ ghat-trasport f’Malta biex tintuza fit-triq (licenzja mhux imgedda);
2. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, saq vettura u cioe’ Opel Astra bin-numru tar-registrazzjoni KBG 708, minghajr ma kienet koperta b’polza ta’ assigurazzjoni dwar riskji tat-terzi persuni;
3. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, saq vettura u cioe’ Opel Astra bin-numru tar-registrazzjoni KBG 708 meta kellu il-licenzja tas-sewqan sospiza u meta kien hekk skwalifikat milli jsuq xi vettura, b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 06 ta’ Marzu 2012, liema sentenza giet moghtija mill-Magistrat Dr. Francesco Depasquale LLD;
4. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, bhala sid il-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni KBG 708, naqas li jara li l-istess vettura bil-mutur, jkollha dejjem u f’kull zmien licenzja ta’ cirkolazzjoni mahruga mill-awtorita;
5. rrenda ruhu recediv b’diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati Malta , liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mhassra ai termini ta’Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema sentenzi inghataw mill- Magistrat Dr. Francesco Depasquale LLD fis-06 ta’ Marzu 2012 u fid-29 ta’ Mejju 2012;

Il-Qorti hija mitluba sabiex f’kaz ta’ htija, tordna l-konfiska tal-vettura bil-mutur u cioe’ Opel Astra bin-numru tar-registrazzjoni KBG 708.

Rat it-talba tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema sommarjament, mhux opposta;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghat ix-xhieda;

Semghat lill-imputat jammetti l-akkuzi fuq liema insista anka meta l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra;

Fuq skorta ta' din l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata ssibu u tiddikjarah hati.

Rat l-Artikoli 15 (1)(a) u 59 tal-Kap 65, l-Artikoli 3(1) (2)(c)(i)tal-Kap 104, l-Artikolu 14(3) Tal-L.S. 368.02 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tikkundannah multa ta' €6,000 u tordna ukoll konfiska tal-vettura.

A.M. Trigona
Magistrat